

Brussell, 5 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0312(NLE)

12551/18
ADD 1

RECH 396
COMPET 626
ATO 64

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkomplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) N° 1314/2013

- Adozzjoni
- Dikjarazzjonijiet mid-delegazzjonijiet LU u AT

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Lussemburġiża

Il-Lussemburgu jagħraf l-importanza tal-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkomplimenta l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni "Orizzont 2020" u l-ħtieġa li ssir aktar enfasi fuq is-sikurezza nukleari li tikkontribwixxi għal orjentament ġdid tar-riċerka nukleari. Għaldaqstant, il-Lussemburgu jilqa' l-kompromess filwaqt li jżomm l-attitudni kritika tiegħu fir-rigward tar-riċerka nukleari.

Il-Lussemburgu, madankollu, jinsisti li l-fondi Ewropej futuri għal attivitajiet ta' riċerka u taħriġ għandhom ikunu mmirati aktar lejn l-enerġiji rinnovabbli.

Peress li l-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) ma jagħtix bidu għal orjentament ġdid bħal dan lejn l-enerġiji rinnovabbli, il-Lussemburgu ma jistax jaqbel miegħu għalkollox u għalhekk ser jastjeni mill-vot.

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka

L-Awstrija segwiet approċċ kostruttiv tul in-negozjati dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2019/20, bil-ħsieb li jkunu jistgħu jitkomplew il-miżuri biex jiżdiedu s-sigurtà u s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej u l-ambjent tagħhom.

Il-kontenut tal-Approċċ Ġenerali fis-sustanza huwa identiku għall-programm fis-seħħ bħalissa (2014-2018). Għaldaqstant il-pożizzjoni Awstrijaka għandha l-istess ukoll. L-Awstrija tilqa' l-enfasi fuq l-aspetti tas-sikurezza u sigurtà tul it-test. Madanakollu, l-Awstrija xorta għadha kritika ferm fil-konfront tal-finanzjament mill-UE jew kwalunkwe qafas ta' appoġġ għal impjanti tal-enerġija nukleari. L-Awstrija għalhekk tastjeni.
